**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 21.06.09: IT-TNAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
**JUM IL-MISSIER**
Illum xieraq li nuru r-rikonoxxenza tagħna lejn il-missirijiet b'xi ġest ta' mħabba, iżda wkoll billi nagħmlu talba speċjali għalihom f'din il-ġurnata, kemm għal dawk il-missirijeit li huma ħajjin u kemm għal dawk li huma mejtin.
**IT-TNEJN, 22.06.09: FESTA TAL-126 ANNIVERSAJU TAS-SEJĦA TAL-MADONNA LIL KARMNI GRIMA.**
F'din il-ġurnata għażiża, xieraq li wieħed jagħmel żjara lill-Madonna ġewwa s-Santawraju tagħha f'Ta' Pinu.
**Fid-9.00a.m**. ikun hemm Pontifikal Solenni mmexxi minn Mons Isqof Mario Grech u fil-10.15a.m. tingħad is-Supplika lill-Madonna.
Din il-quddiesa se tkun imxandra minn Radju Marija u s-Supplika tkun imxandra minn Radju Marija u mill-RTK.
**L-ERBGĦA, 24.06.09: SOLENNITA' TAT-TWELID TA' SAN ĠWANN BATTISTA.**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa.
**IL-ĦADD, 28.06.09 IT-TLETTAX-ILĦADD MATUL IS-SENA**
**LEJLIET IS-SOLENNITA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL**
**GĦELUQ TAS-SENA PAWLINA f'GĦAWDEX.**
**Fid-9.00a.m.** Pontifikal Solenni mmexxi mill-Kardinal Legat tal-Papa, l-Em. Tiegħu il-Kardinal Ennio Antonelli fil-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur.
Billi dan il-Kardinal huwa wkoll President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Familja, huwa se jiltaqa' ma' xi koppji minn kull parroċċa ta' Għawdex, fil-parroċċa tal-Munxar.
**Fil-11.30a.m.** il-Kardina ikellem lill-koppji u wara se jirreċita t-talba ta' l-Angelus.

**GĦELUQ TAS-SENA PAWLINA**
Bħala għeluq tas-Sena Pawlina l-Kardinal Ennio Antonelli se jmexxi quddiesa solenni quddiem il-konkatidral ta' San Ġwann nhar it-Tnejn, 29 ta' Ġunju, Solenita ta' San PIetru u San Pawl.
Se jiġi organizzat transport minn Għawdex għal dawk li jixtiequ jieħdu sehem f'din il-quddiesa : kemm saċerdoti u kemm lajċi.
Min jixtieq jiġi Malta huwa mitlub biex javżana fl-Uffiċċju parrokkjali mhux iktar tard minn nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju fil-għaxija biex inkunu nistgħu norganizzaw it-transport.
Nitilqu mal-vapor ta' l-4.30p.m. u niġu lura mal-vapur tal-10.15p.m.

**AVVIZ GĦALL-MEMBRI TAL-KOR**
Il-membri kollha tal-Kor tal-Kbar se jibdew il-provi bi tħejjija għall-Festa ta' Santa Margerita, nhar **IT-TNEJN 22** ta' Ġunju . Jiltaqgħu fl-Iskola tal-Mużika fis-6.00p.m.
Nagħmel appell lill –membri kollha tal-Kor biex jattendu. Il-provi se jkunu mmexxija mis-Surmast Joseph Debrincat.

**ADORAZZJONI GĦALL-PERSUNI KKONSAGRATI**
L-Adroazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati dan ix-xahar se ssir fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria. Tibda fis-7.00p.m.

**NIBDEW L-ARMAR TAL-FESTA**
Għall-aħħar ta' din il-ġimgħa se nibdew ix-xogħol ta' l-armar tat-toroq għall-Festa. Nagħmel appell liż-żgħżagħ u lill-irġiel biex min ikun jista jiġi jagħti daqqa t'id lill-membri tal-Kumitat ta' l-Armar.